**75. Il-Viċi Prim Ministru, Ministru tal-Intern u Ġustizzja l-Onor. Guido De Marco jipproponi:**

Illi l-Kamra tqis bħala ksur ta' privileġġ u s-setgħat tagħha l-aġir tas-Sur Henry Farrugia, karta tal-identita' Nru. 271152 (M), li joqgħod 18, Triq San Franġisk, Tarxien fis-seduta tat-12 ta' April, 1988 u tordna lill-Aġent Skrivan tal-Kamra jkun jista' jagħmel il-proċedura meħtieġa, biex 'il fuq imsemmi s-Sur Henry Farrugia jidher quddiem il-Kamra f'data li tiġi ffissata aktar tard sabiex igħid għaliex m'għandux ikun dikjarat ħati ta' ksur ta' privileġġ skond l-artikolu 11 (1)(c) tal-Ordinanza dwar il-privileġġi u s-setgħat tal-Kamra tad-Deputati (Kapitolu 179).

09.05.1988